TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 267/13/GB

**Dr David Zahra obo Doreen Bugeja**

**vs**

**Boris Arcidiacono Ltd.**

Illum 10 ta' Dicembru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Novembru, 2013, fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet elef erbgha mija erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal sodda bil-mutur li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema sodda kienet difettuża.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taccirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fl-17 ta' Gunju 2011, hija kienet xtrat il-prodott 'Tempur Bed Massage 4 Motor 90×200' minghand is-socjeta' ntimata, speċifikament minhabba l-kundizzjoni medika illi tbaghti minnha.

F'Settembru 2012, il-prodott waqaf jiffunzjona u ghalhekk ir-rikorrenti kienet infurmat lis-socjeta' ntimata. Xejn inqas minn tliet xhur wara, is-socjeta' ntimata kienet informatha li kienet ser issewwi l-prodott, fejn fil-fatt il-prodott kien gie msewwi u rritornat lir-rikorrenti f'Marzu 2013.

Ghal dan iz-zmien kollu, ir-rikorrenti ma setghatx tuża sodda idoneju ghall-kundizzjoni taghha.

Lanqas lahqu ghaddew hamest ijiem minn meta l-prodott imsewwi ntbaghat lura ghand ir-rikorrenti, li s-sodda regghat waqfet tiffunzjona. Ghalhekk, ir-rikorrenti regghat infurmat lis-socjeta' ntimata *minnufih, pero' din id-darba ġiet bil-problemi.*

Kien f'dan il-mument li r-rikorrenti ġiet infurmata illi l-prodott ma kienx qed jiffunzjona minhabba uzu hazin.

Ir-rikorrenti ma thossx illi din hija aċċettabbli. Is-sekwenza tal-avenimenti juru b'mod car illi l-prodott ma kienx wiehed konformi mad-deskrizzjoni u l-ispecifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgh, aktar u aktar, il-prodott ma kienx adattat ghall-iskop partikolari tar-rikorrenti, liema bżonn partikolari r-rikorrenti kienet gharrfitu lis-Sur Maurice Bugeja, impjegat fl-istabbiliment. Is-Sur Bugeja kien gharrafha li s-sodda tiflah il-piz taghha u l-kundizzjoni medika taghha.

Meta s-socjeta' ntimata sewwiet il-prodott, hija ghamlet dan biss bil-kundizzjoni li r-rikorrenti tiffirma dikjarazzjoni li ma terġax tfittixha ghal xi hsarat li jergghu jigru. Ma hemm l-ebda dubju li din id-dikjarazzjoni ma tghodd xejn ghaliex hija "espressjoni mhux ġusta" (hekk skond Kap.378 tal-Ligijiet ta' Malta) u ta' detriment ghad-drittijiet tal-konsumatur, ghaliex il-ligi hi cara rigward il-garanzija legali li tipprovdi ghal difetti fi żmien sentejn mid-data tal-bejgh.

Huwa wkoll inaċċettabbli li r-rikorrenti qatt ma ġiet moghtija t-termini u kundizzjoni tal-bejgh meta hija xtrat il-prodott.

Wara li r-rikorrenti baghtet ittra legali datata 12 ta' Gunju 2013 lis-socjeta' ntimata u wara li saret il-medjazzjoni neċessarja, li iżda pero' ma wasslet ghall-ebda ftehim, ir-rikorrenti qieghda titlob lit-Tribunal sabiex:

(i) Jiddikjara li d-dikjarazzjoni li s-socjeta' ntimata gieghlitha tiffirma hija nulla u mhux valida ghaliex tikkostitwixxi espressjoni mhux ġusta skond il-Kap.378;

(ii) Tordna li l-prodott jiġi rimpjazzat sabiex ikun konformi u adattat ghall-iskop partikolari li ghalih ir-rikorrenti ġiet bzonnu; jew

(iii) Li ssir ir-rexissjoni tal-kuntratt ghar-rigward ta' dan il-prodott u r-rikorrenti tirċievi lura l-ammonti kollha mhallsa ghal dan il-prodott (jiġifieri s-somma ta' tlett elef u erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt ċenteżmi (€3,494.06))

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata issottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Fuq bażi preliminari t-talba tar-rikorrenti ghandha tiġi michuda u dana peress illi l-konsumatur ma jistax jitlob r-rimedji minnu pretiz u dana stante li huwa naqas li jottempora ruhu mal-Artikolu 79(1) u (2) tal-kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta bin-nuqqas ta' konformita' allegata u dana peress illi r-rikorrenti ma avzatx bil-miktub (ossija permezz ta' att ġudizzjarju u/jew ittra reġistrata) lill-intimat fi żmien xahrejn mid-data meta hija ntebhet bl-allegat difett.

2. Illi preliminarjament, l-azzjoni kif mposta mir-rikorrenti hija preskritta bit-terminu tas-sentejn.

3. Illi fil-mertu u minghajr preġudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi s-sodda in kwistjoni ġiet kkonsenjata lir-rikorrenti f'kundizzjoni perfetta tant illi r-rikorrenti kienet iffirmat mal-konsenja tas-sodda illi s-sodda ġiet konsenjata "in good order and condition".

4. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost u fil-mertu ukoll, jiġi rilevat illi:

i. Mhux minnu l-prodott kellu xi nuqqasijiet u dan kif gie spjegat kemm il-darba lir-rikorrenti f'diversa korrispondenza u l-problema tar-rikorrenti kienet illi meta xtrat is-sodda in kwistjoni.

ii. Illi wara li kien sar l-akkwist ir-rikorrenti żiedet fil-piz b'mod li s-sodda ma kienitx tista tiflahha iktar.

iii. Illi dan id-diskors kien gie diskuss diversi drabi mal-intimata u s-socjeta' ntimata anke minn jhedda kitbet barra dwar l-ilmenti tar-rikorrenti.

iv. Illi anki wara li rapprezentanti tas-socjeta' ntimata u senjatament Boris Arcidiacono u haddiema ohrajn kienu marru fir-residenza tar-rikorrenti u raw l-imsemmija sodda kien gie stabbilit li ma kien hemm l-ebda difett fis-sodda.

v. Illi fil-fatt, is-socjeta' ntimata kienet baghtet sia ritratti u kif ukoll ittra lis-socjeta' li timmanifattura dawn il-prodotti, peress li l-ilment tar-rikorrenti kien wiehed li fi 15 il-sena s-socjeta' ntimata qatt ma esperjenzat bhalu, u s-socjeta' li timmanifattura minn barra rrispondiet li hi ma tikkunsidrax l-ilment tar-rikorrenti bhala 'quality issue' fil-prodott, u dana kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

vi. Illi ghalhekk it-talba sabiex tinbidel din is-sodda ma kienitx inkluża fil-garanzija billi ma kien hemm l-ebda 'quality issue' li kellha tiġi sorvolata fis-sodda mertu ta' din il-kawza.

vii. Illi nonostante dan, a buona volontà taghha, is-socjeta' ntimata, tenut kont is-sitwazzjoni medika xejn feliċi tar-rikorrenti, minn jhedda ddecidiet li tipprova tghin lir-rikorrenti u sabiex l-affarijiet ikunu ċari li dan qieghed isir b'buona volontà s-socjeta' ntimata nfurmat lir-rikorrenti bil-fatti u speċjalment bil-fatt li:

- Il-hsara li kellha s-sodda ma kienitx tikklassifika bhala 'quality issue';
- Illi s-socjeta' ntimata kienet ser taghmel dan l-att ta' karità darba biss;
- Illi dak li kienet qieghda taghmel maghha s-socjeta' ntimata kien johrog lil hinn mill-garanzija.

viii. Illi wara li sar dan il-ftehim amikevoli, is-socjeta' ntimata hadet hsieb li tirtira s-sodda tar-rikorrenti u ssostitwieta b'sodda tal-istess tip iżda aktar 'heavy duty' maghmulha apposta ghal piz li issa kienet qieghda ġġorr r-rikorrenti – xi haġa li r-rikorrenti ma kellhiex bżonn fiz-zmien li xtrat is-sodda taghha billi ma kellhiex dan il-piz li issa kellha;

ix. Illi nonostante dan, anki din is-sodda 'heavy duty' inqasmet peress li l-piz tar-rikorrenti kompla jiżdied.

x. Illi wara li anki din is-sodda inqasmet, is-socjeta' ntimata ma setghet taghmel xejn peress li kien ovvju li kull sodda li kienet ser tinghata lir-rikorrenti kien ser iġġarrab il-hsara.

xi. Illi nonostante dan it-tibdil ta' din is-sodda s-socjeta' ntimata qatt ma talbet ebda flus lir-rikorrenti u dan nonostante li s-socjeta' ntimata ghamlet spiża ta' hafna euro.

5. Illi ghaldaqstant is-socjeta' ntimata tikkontendi li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jiġu michuda u dana stante li:

i. mhux minnu li s-socjeta' ntimata gieghlet lir-rikorrenti sabiex tiffirma ebda skrittura maghha iżda r-rikorrenti ffirmata minn jeddha wara hafna diskussjonijiet anki mal-legali tas-socjeta' ntimata;

ii. illi lanqas ma huwa minnu li d-dikjarazzjoni li ġiet iffirmata hi b'xi mod nulla u mhux valida ghax tikkostitwixxi xi espressjoni mhux ġusta skond l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur;

iii. illi mhux minnu li l-prodott ma huwiex konformi u addattat ghall-iskopijiet li ghalih kien inxtara u dana peress li meta inxtara kien jakkomoda lir-rikorrenti sew u kien il-piz taghha li beda jiżdied li wassal sabiex jiġri hekk;

iv. illi lanqas it-talba tar-rexxisjoni tal-kuntratt ma tista tintlaqa' u dana stante li t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

6. Illi s-socjeta' ntimata ma ghandhiex tbaghti spejjez ta' din il-procedura u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi meta marret ghand is-socjeta' ntimata hija kienet staqsiet hafna domandi inkluż il-kwistjoni ta' piz qabel ma ddecidiet tixtri s-sodda in kwistjoni. Hija ma tistax tissogra tikser saqajha ghaliex bil-kundizzjoni li ghandha, dan jirrizulta li jaqtghulha saqajha barra. Hija assumiet li l-impjegat tas-socjeta' ntimata kellu ideja tal-piz taghha. L-impjegat dam hafna juriha tipi ta' saqqijiet , li fl-opinjoni tieghu kienu tajbin ghaliha. Żiedet tistqarr ukoll illi din is-sodda kienet xtratha f'Gunju 2001. F'Settembru 2012 mar il-mutur, u ghalhekk ċemplet lis-socjeta' ntimata fejn l-intimat kien mar jaraha. Beda jinsisti li kien it-tort tar-rikorrenti r-raguni ghalfejn il-mutur mar u talabha thallas erbgha mija u hamsin Ewro (€450.00) biex jinbidel. Hija rrifjutat ghaliex dan il-mutur kienu ghadu taht garanzija. L-intimat biddel dan il-mutur difettuż. F'Marzu 2013 dan il-mutur ġdid mar ukoll. L-intimat sewwieh imma wara hamest ijiem rega' mar.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' ittra legali, li ġiet immarkata bhala Dok.DB1.

In kontro-ezami, ir-rikorrenti stqarret illi l-impjegat ma kienx staqsiha kemm kienet tiżen u lanqas ma nfurmaha b'piz speċifiku. Ikkonfermat illi hija minn dejjem kienet over 120 kilos u li żdiedet fil-piz wara li nkiser il-mutur, minhabba cyst kbira f'saqajha. Ikkonfermat li s-sodda in kwistjoni użatha ghall-tlettax-il xahar u nofs, pero' cahdet li kienu tliet xhur wara li dan il-mutur kellu l-hsara wara li biddluh ghall-ewwel darba, iżda inqas minn xahrejn. Stqarret illi hija konvinta li hemm xi haġa hazina fis-sodda li minhabba fiha qed imur kull darba l-mutur u mhux minhabba l-piz taghha. Mistoqsija jekk hija xi darba kienet tqum mis-sodda waqt li kienet mtella', hija stqarret illi s-sodda dejjem żammitha 'flat', kemm meta kienet tqum, kif ukoll meta kienet tidhol fiha.

Xehed Frank Bugeja, prodott mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda ġuramentata tieghu huwa kkonferma li r-rikorrenti kienet ippruvat kemm-il sodda ghand is-socjeta' ntimata u fl-ebda hin ma ssemma toqol.

Xehdet Arabella Mangion, prodotta mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda ġuramentata taghha hija stqarret illi kienet marret is-'showroom' mar-rikorrenti. Ikkonfermat li r-rikorrenti staqsiet hafna domandi lill-impjegat tas-socjeta' ntimata u kkonfermat ukoll li r-rikorrenti kienet avżat lill-impjegat dwar il-kundizzjoni medika taghha. Stqarret illi hija marret darba mar-rikorrenti u kkonfermat li semghat lill-impjegat jassiguraha bis-sahha tas-sodda.

Xehed Maurice Bugeja, prodott mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda ġuramentata tieghu huwa stqarr li huwa mpjegat tas-saocjeta' ntimata u li dakinhar li r-rikorrenti xtrat is-sodda in kwistjoni hu kien fil-hanut. Stqarr illi r-rikorrenti kienet spjegatlu l-kundizzjoni ta' saqajha. Dak iz-zmien is-socjeta' ntimata kienet iġġib żewġ tipi ta' sodod, u cioe' b'zewg muturi u b'erbgha muturi u huwa kien irrakkomandalha ta' b'erbgha muturi, li tiehu piz massimu ta' 120 kilos. Ix-xhud ma ftakarx jekk kienx taha din l-informazzjoni pero' ftakar li kien kważi ċert li din kienet is-sodda adattata ghalih, fejn stqarr illi assuma li tiflahha. Kompla jistqarr li din is-sodda ntuzat ghal tlettax-il xahar u nofs u li seta' gara kien li r-rikorrenti żdiedet fil-piz minn meta xtratha. Ikkonferma li s-socjeta' ntimata kienet biddlet 'parts' ġodda meta ġiet ghat-tiswija u biddlet il-mutur b'wiehed ġdid, jiġifieri l-ewwel mutur oriġinali li gie mas-sodda serva ghal tlettax-il xahar u nofs. Tliet xhur wara li nbidel il-mutur, dan rega' mar. Ikkonferma li l-mutur mar tliet darbiet, fejn it-tielet darba ma ssewwiex. Wara li kien bil-hsara l-ewwel mutur, ix-xhud kien staqsa lir-rikorrenti kemm tiżen, pero' ma jiftakarx jekk kien staqsieha l-piz taghha meta kienet marret biex tixtri s-sodda. Stqarr illi r-rikorrenti ma haditx pjaċir bil-mistoqsija. Ix-xhud żied li l-mutur kien imur minhabba piz żejjed.

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarr illi l-hsara saret fil-mutur ghax inqasam, cioe' il-'casing' tal-mutur slippja fi tnejn u l-hadid tghawweg ukoll. Is-socjeta' ntimata ikkonstatat din il-hsara permezz ta' ritratti li ntbaghtu barra minn Malta.

Ix-xhud Maurice Bugeja ezebixxa kopja ta' email, li ġiet immarkata bhala Dok.MB1.

Xehed Dr Imrich Molnar, prodott mir-rikorrenti, fejn wara li gie eżentat mis-sigriet professjonali, fix-xhieda ġuramentata tieghu huwa stqarr illi huwa speċjalista ta' l-ortopedija u

kkonferma li r-rikorrenti ilha pazjenta tieghu ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Ikkonferma li ilha 'overweight' mill-bidunett ta' dawn l-ahhar ghaxar snin. Huwa qatt ma staqsiha kemm tiżen. *Meta ltaqa' maghha xi sitt xhur ilu jew iktar, hija kienet infurmatu li kienet qed tipprova* tirregola l-piz taghha. Huwa kien issuggerielha sodda 'reclining' peress illi kien importanti li żżomm saqajha elevata.

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarr illi huwa qatt ma talab ikun jaf il-piz taghha pero' kull meta raha hija dejjem kienet 'overweight' speċjalment minhabba t-tul taghha. Stqarr illi fl-opinjoni tieghu hija tiżen iktar minn 100kg.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata xehdet permezz ta' affidavit ta' l-intimat Boris Arcidiacono eżebit u mmarkat bhala Dok.BGA, flimkien ma' liema affidavit gew ezebiti numru ta' dokumenti mmarkati bhala Dok.BA1 sa Dok.BA18.

In kontro-ezami, l-intimat, Boris Arcidiacono, stqarr illi huwa kien preżenti kull meta r-rikorrenti marret il-hanut, u cioe' meta marret l-ewwel u t-tieni darba ghas-sodda in kwistjoni. Ikkonferma li huwa kien kellimha u staqsieha l-piz kif normalment jaghmel u stqarr illi huwa kien informaha li jekk tiżen 90kg jew aktar, is-sodda in kwistjoni ma kienitx tajba ghaliha.

It-Tribunal jikkunsidra wkoll il-konfront li nzamm bejn il-partijiet, fl-udjenza miżmuma fit-12 ta' Novembru 2014, minn liema konfront irriżultaw żewġ verżjonijiet konflingenti tal-partijiet, sia rigwardanti l-fatt jekk ir-rikorrenti ġietx infurmata rigwardanti l-piz, u sia rigwardanti l-fatt li r-rikorrenti marret il-hanut tas-socjeta' ntimata darba biss jew darbtejn. Irriżulta wkoll, ampjament car, illi l-intimat ta żewġ verżjonijiet differenti, fejn fix-xhieda ġuramentata tieghu huwa kien stqarr in kontro-ezami illi kien personalment staqsa lir-rikorrenti dwar il-piz taghha u li kien personalment ukoll informaha dwar il-limitu ta' piz tas-sodda, pero' fil-konfront, l-intimat biddel tali verżjoni fejn stqarr illi huwa kien biss ġibed l-attenzjoni ta' Maurice Bugeja sabiex jinforma lir-rikorrenti rigwardanti l-piz, u mhux li kien kellimha hu stess.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Is-socjeta' ntimata, fit-**tieni eccezzjoni** preliminari taghha, eccepiet illi *"l-azzjoni kif imposta (sic) mir-rikorrent hija preskritta bit-terminu tas-sentejn."* Is-socjeta' ntimata ma ndikatx ghal liema artikolu tal-Ligi hija qed tirreferi, izda dan it-Tribunal jifhem li hija qed tirreferi ghat-terminu ta' sentejn preskritt mill-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta. L-azzjoni attrici izda, m'hijiex preskritta b'tali terminu, billi dan l-Artikolu jipprovdi li l-kummercjant ghandu jkun responsabbli taht id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 378 *"meta l-konsumatur jinduna bin-nuqqas ta' konformita' fi zmien sentejn mill-kunsinna ta' l-oggetti."*.

Il-perjodu ta' sentejn, ghalhekk, mhux marbut mad-data tal-proponiment ta' l-azzjoni, izda huwa marbut maz-zmien meta l-konsumatur jinduna bin-nonkonformita'. F'dan il-kaz, jirrizulta illi s-sodda in kwistjoni nxtrat fl-17 ta' Gunju 2011 u l-konsumatur indunat, ghall-ewwel darba, bin-nonkonformita' minnha lamentat, f'Settembru ta' l-2012, ghalhekk entro l-

perjodu ta' sentejn. **Ghalhekk, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' ntimata qed tigi michuda.**

Nghaddu issa ghall-**ewwel eccezzjoni** tas-socjeta' ntimata. Kif rajna, iz-zmien ta' sentejn huwa marbut maz-zmien meta l-konsumatur jinduna bin-nonkonformita' u mhux maz-zmien ghal proponiment ta' l-azzjoni. Huwa propju ghalhekk illi l-Ligi timponi, fl-Artikolu 79, l-obbligu tan-notifika tad-difett lin-negozjant fi zmien xahrejn. F'dan il-kaz, tqum id-diffikulta' illi r-rikorrenti ma ghamlitx il-prova tan-notifika bil-miktub fi zmien xahrejn. Madanakollu, jidher sufficjentement pruvat illi hija kienet ghamlet reklam verbali mas-socjeta' ntimata minnufih u dan fil-fatt wassal sabiex is-socjeta' ntimata ippruvat issewwi s-sodda in kwistjoni, izda jidher illi notifika formali bil-miktub fiz-zmjien xahrejn baqghet ma saritx. L-Artikolu 79 tal-Kapitolu 378 jimponi l-htiega ta' notifika bil-miktub b'mod tassattiv u qari *prima facie* ta' l-istess Artikolu jwassal ghat-telfien tad-drittijiet li l-Kapitolu 378 jaghti lill-konsumatur.

L-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta' ntimata fil-fatt qed tistrieh fuq l-Artikolu 79 kif letteralment interpretat, izda dan it-Tribunal diga' kellu l-opportunita' li jesprimi ruhu dwar din il-kwistjoni, fil-kawza '*Francis u Josephine Ripard vs Anvil Ltd u Dunstan Williams*' (Avviz Numru CCT 150/12/GB, sentenza moghtija fis-26 ta' Frar 2014), fejn qies illi fejn tirrizulta sufficjentement pruvata notifika verbali fi zmien ix-xahrejn, m'hemmx il-htiega tal-prova ta' notifika bil-miktub. Dan ghaliex interpretazzjoni differenti tkun qed tistultifika l-ghan principali tal-Kapitolu 378. Barra minn hekk, b'zieda ma' dak ritenut minn dan it-Tribunal fil-kawza *'Francis u Josephine Ripard vs Anvil Ltd u Dunstan Williams'*, jinghad illi d-Direttiva 1999/44/EC tippermetti fl-Artikolu 5(2) li l-Istati Membri jimponu terminu ta' xahrejn ghan-notifika tan-nonkonformita' lill-kummercjant sabiex jigu prezervati d-drittijiet taht l-istess Direttiva, izda d-Direttiva mkien ma ssemmi li n-notifika ghandha ssir bil-miktub. Dan huwa rekwizit addizzjonali mpost mill-Ligi Maltija u li effettivament qieghed jimponi piz akbar minn dak previst fid-Direttiva.

Dan it-Tribunal jifhem illi gie mpost r-rekwizit tal-ittra uffiċjali/ittra reġistrata mill-Ligi Maltija, ghal finijiet tac-certezza tan-notifika, iżda dan it-Tribunal jifhem wkoll illi fejn tali ċertezza tista' tiġi stabbilita mod iehor, l-ghan tad-Direttiva jkun xorta wahda ntlahaq. Li kieku jinghad mod iehor, ossija li tkun saret prova tan-notifika entro x-xahrejn iżda l-konsumatur jiġi mcahhad mid-drittijiet tieghu ghax in-notifika ma tkunx saret bil-miktub, wiehed ikun qed imur kontra d-dispost tad-Direttiva. Billi l-Ligijiet tal-pajjiz ghandhom jiġu nterpretati b'mod konsistenti mal-Ligijiet tal-Unjoni Ewropea, li huma supremi fuq il-Ligijiet tal-pajjiz, dan it-Tribunal ghalhekk itenni l-fehma tieghu illi fejn il-konsumatur jipprova notifika tan-nonkonformita' entro t-terminu tax-xahrejn, huwa ma jitlifx id-drittijiet tieghu, minkejja li tali notifika ma tkunx saret bil-miktub. **Ghalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta' ntimata qed tiġi michuda.**

Bit-**tielet eċċezzjoni** taghha, is-socjeta' ntimata tikkontendi li l-firma da parti tar-rikorrenti fuq id-'delivery note' relattiva ghall-konsenja tas-sodda de quo, fejn hemm dikjarazzjoni li l-istess

sodda ġiet konsenjata *"in good order and condition"* tindika li l-istess sodda ġiet konsenjata fi stat perfett, bhal li kieku hielsa minn kwalsiasi difett. Iżda din hija dikjarazzjoni 'standard' li kull min jixtri oġġett jkollu jiffirma. Ċertament tali dikjarazzjoni ma tistax titqies bhala prova konvinċenti tal-assenza ta' xi difett jew li altrimenti tammonta ghal xi rinunzja tad-drittijiet tal-konsumatur. Dan anke ghaliex fit-tieni ipoteżi, tali dikjarazzjoni tkun qed tammonta ghal *"unfair term in a consumer contract"*.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jibda billi jaghmel referenza ghall-Artikolu 44(2)(a) u (c) tal-Kapitolu 378, u jikkonkludi illi d-dikjarazzjoni datata 21 ta' Frar 2013 (ezebita in atti), li s-socjeta' ntimataipprezentat lir-rikorrenti ghall-firma taghha, fejn hemm stipulat: *"Should further replacements or works be needed to the item mentioned above, these will be borne exclusively by Ms. Doreen Bugeja in their entirety"* u *"I further acknowledge that I shall have no further pretensions against Boris Arcidiacono Limited with regards to the Tempur Bed Brown 4 Motor 90 ×200 – 1136313 ..."* jikkostitwixxu espressjonijiet projbiti, liema dikjarazzjoni ghandha titqies bhal li kieku qatt ma ġiet iffirmata mir-rikorrenti, u li ghalhekk it-Tribunal m'huwiex ser jiehu konjizzjoni taghha. It-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi, filwaqt li jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Frank Bugeja u ta' Arabella Mangion, liema xhieda kkorroboraw il-verzjoni tar-rikorrenti, ma jistax ma jikkummentax dwar il-verzjonijiet kunflingenti tas-socjeta' ntimata, fejn l-intimat Boris Arcidiacono in kontro-ezami kkonferma li huwa kien prezenti kull meta r-rikorrenti marret l-ewwel u t-tieni darba ghas-sodda in kwistjoni u li kien kellimha u staqsiha il-piz kif normalment jaghmlu, fejn huwa stqarr illi nforma lir-rikorrenti illi jekk tizen 90kg jew iktar is-sodda ma kienitx tajba ghaliha; pero' mbaghad, fil-konfront li nzamm bejn il-partijiet fit-12 ta' Novembru 2014 l-istess intimat ta verzjoni kompletament differenti fejn stqarr illi huwa ma kienx kellem lir-rikorrenti direttament pero' li kien kellimha Maurice Bugeja. It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, b'referenza partikolari ghax-xhieda ta' Maurice Bugeja fejn huwa stqarr li kien *"kwazi cert li din kienet is-sodda addattata ghaliha"* u *"assumejt li tiflahha"* pero' *"ma niftakarx jekk kontx staqsejthiex il-piz taghha meta giet tixtri is-sodda"* u *"ma niftakarx jekk tajthiex din l-informazzjoni lis-sinjura"*, ma jistax ma jikkummentax dwar il-fatt illi la darba kien hemm limitazzjoni ta' piz fuq is-sodda in kwistjoni flimkien man-nuqqas ta' provi da parti tas-socjeta' ntimata illi hija ggwidat lir-rikorrenti konsumatur fl-ghazla taghha, allura il-buon sens jiddetta illi kien hemm nuqqas ta'servizz da parti tas-socjeta' ntimata, li ma ggwidatx lir-rikorrenti u li naqqset milli taghti indikazzjoni rigwardanti l-piz. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jilqa't-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura s-sodda in kwistjoni, u thallas l-ammont ta' tliet elef erbgha mija erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi Ewro (€3494.06) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**